**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 47**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**L-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2018, fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Data u ħin

** **PREŻENTI:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farruġia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Busuttil | Membru |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Il-laqgħa kienet preseduta miċ-Ċerpersin is-Sur Sam Abela.**

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġji**

47.1.1 Ma kien hemm l-ebda' ittra ta' apoloġija x'tiġi moqrija.

Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**47.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Nru 45**

47.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 45 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u mis-Segretarju Eżekuttiv wara li kienu proposti miċ-Ċerpersin u sekondati minn Christopher Farrugia.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 45

## 47.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Nru 46

47.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 46 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u mis-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti miċ-Ċerpersin u sekondati minn Christopher Farrugia. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 46

## 47.4 Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

47.4.1 Iċ-Ċerpersin saħaq fuq l-importanza li jkunu miżmuma fi stat tajjeb is-soft areas f'Tal-Virtu. Il-membri qablu miegħu li din hija prijorita'. Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

## 47.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

47.5.1 Christopher Farrugia enfasizza fuq it-tindif mill-iskart tal-kostruzzjoni fi Triq Carlo Flamingo, l-importanza li tingħata t-tarmac in-niżla għal tal-Isqof biex tittaffa l-problema tat-traffiku, il-bżonn li jitħawwlu ħames siġriet neqsin li hemm fi Ġnien Patri Martin, f'Misraħ San Duminku, fil-bżonn tat-tneħħija ta' *overhanging wires* billi jitpoġġew taħt il-bankini fi Triq tal-Virtu k.m Triq Francesco Azzopardi u Triq Pietru Caxaru, il-bdil tal-wiċċ tal-bankina fi Triq Busketto u l-irranġar tal-ħajt fi Triq Godwin Ganado. Kienu trattati diversi suġġetti: tindif, bankini, wires, siġar u tarmak

47.5.2 Renate Guillaumier ipproponiet li l-qtugħ tal-ħaxix mit-toroq isir bl-għodda apposta ħalli ma jerġax jitla' malajr. Dan jista' jevita' il-*grass fires* li kien hemm dan l-aħħar f'xi toroq 'il bogħod mir-residenti. Qtugħ ta' ħaxix ħażin.

## 47.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.6.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Erbgħa, 29 t'Awwissu 2018, fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-Seduta li jmiss

47.6.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'......................... 2018.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Sam Abela<br>Ċerpersin | Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv |